## Id-Djarju tal-Parroċċa – Settembru 2015

| | |
|---|---|
| It-Tlieta 1 ta' Settembru | *Anniversarju Saċerdotali:*<br>Dun John Muscat – 15-il sena (2000) |
| Il-Ġimgħa 4 ta' Settembru | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| It-Tlieta 8 ta' Settembru | **Festa tat-Twelid tal-Madonna – Il-Vitorja**<br>Tajjeb li nqaddsu dan il-jum bil-quddies,<br>li jkun fl-istess ħinijiet ta' matul il-ġimgħa. |
| Il-Ħadd 20 ta' Settembru | Jum il-Missjoni tal-Art Imqaddsa |
| Il-Ħamis 24 ta' Settembru | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali<br>fl-Uffiċċju Parrokkjali. |



### IEQAF u AĦSEB

## Il-Prova

Kif nistgħu nafdaw dak li ma narawx?
Sempliċi. Ejja nħarsu lejn il-PROVA:

- Id-Dell jipprova li teżisti x-Xemx
- L-Eku jipprova li jeżisti l-Ħoss
- Il-Fwar jipprova l-eżistenza tas-Sħana
- Il-Marki fil-Blat juru li jeżisti l-Għargħar
- It-Tħaxwix tal-Weraq jipprova l-eżistenza tar-Riħ

Aħna nsibuha diffiċli biex nemmnu dak li ma narawx.
Imma fil-verità,ma nistgħux naraw dak li ma nħarsux sew lejh sew!

- Il-Ħolqien jipprova lill-Ħallieq
- Is-Smewwiet juri l-Glorja tiegħu
- L-Iben ixandar lill-Missier
- Is-Salib huwa l-prova ċara
ta' Mħabbtu għalina

Disinn u Stampar: Veritas Press, Zabbar. Tel: 21 822 270

# PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL ĦAL SAFI

Tel: 21649223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## L-ASSEDJU L-KBIR: TGĦID GĦADDA JEW GĦADU GĦADDEJ?

Matul dan ix-xahar, pajjiżna ser ikun qed jiċċelebra Jum ir-Rebħa tal-Assedju l-Kbir, jew kif inhu magħruf aħjar Jum il-Vitorja, b'mod kemmxejn aktar mis-soltu minħabba li din il-ġrajja ser tkun ilha li seħħet 450 sena. Bħala Maltin, ilkoll ftit jew wisq familjari mal-ġrajja meta t-Torok, proprjament l-Imperu Ottoman iddeċieda li jiġi b'qawwa konsiderevoli u jattakka lil gżejjer Maltin, dak iż-żmien taħt l-Ordni ta' San Ġwann. Assedju li ħa fit-tul mhux ħażin, iżda li b'tant qlubija tal-Kavallieri magħquda mal-ħeġġa tal-Maltin missirijietna spiċċa bil-wasla tal-*Gran Soccorso*, l-għajnuna minn Sqallija għal Malta, bl-irtirar tal-flotta Ottomana, u allura bir-rebħa tal-Kavallieri u l-Maltin, u magħhom tal-pajjiżi Mediterranji nsara. F'din ir-Rebħa kienu bosta li raw l-id t'Alla u l-għajnuna ta' Ommna Marija, li t-8 ta' Settembru jimmarka t-Tifkira tat-Twelid tagħha, liema għajnuna hi tant preżenti fost u apprezzata mill-poplu tal-gżejjer tagħna.

### L-Assedju l-Kbir bħala l-ġlieda bejn it-Tajjeb u l-Ħażin

Ta' min jgħid li din il-ġrajja għall-gżejjer tagħna ma baqatx tiġi meqjusa fuq il-livell storiku biss imma kienu diversi li raw u fehmuha f'sens erojku u spiritwali wkoll u għalhekk ippreżentawha bħala ġrajja li taċċentwa l-importanza tat-twemmin tal-Maltin fir-reliġjon Kattolika u saħansitra tagħti spirtu nisrani ġdid lill-insara Maltin. Fl-Assedju raw il-ġlieda bejn is-Salib/il-Kristjaneżmu u n-Nofs Qamar/il-Musulmani, bejn dawk li jemmnu f'Alla veru u bejn dawk li jemmnu f'alla falz, bejn it-Tajjeb u l-Ħażin. Fl-Assedju raw il-ġlieda bejn il-valuri Nsara u dak li jheddidhom. Kienu diversi l-kittieba li għamlu dan, fosthom il-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila, b'diversi poeżiji minn tiegħu, speċjalment f'dik li ġġib l-isem ta' *'Il-Għanja tar-Rebħa'*.

Biss illum-il ġurnata hawn min jgħidlek li dan ix-xebħ huwa eżaġerat jew skadut: għadda żmienu, għax qegħdin f'dinja ta' djalogu u tolleranza, u qegħdin f'pajjiż fejn f'isem il-progress sar għandna taħlit mhux ħażin ukoll. Dan il-fatt ta' taħlit huwa veru, u jekk niftħu għajnejna sew nindunaw li fir-raħal tagħna jeżisti bil-kif. Imma personalment ma naħsibx li l-antagoniżmu li jikkaratterizza n-narrattiva tal-Assedju l-Kbir għadda kompletament.

### L-Assedju spiċċa jew għadu għaddej? L-ISIS u l-assoċċjazzjoni Umanista

Jekk ninnutaw sew nintebħu li din id-darba mhux l-Imperu Ottoman, imma l-gruppi militari tal-Istat Islamiku imsejjaħ ISIS u l-Boko Haram, għaddejjin f'kampanja kontinwa biex jaħtfu u jimponu lilhom innfushom f'diversi pajjiżi mhux biss tal-Lvant Nofsani u tal-Afrika ta' Fuq, imma saħansitra qed jaspiraw għall-Ewropa. Nisimgħu u nsegwu minn fuq l-aħbarijiet bil-ħruxija u l-atti vandali li qed jagħmlu fuq siti arkeoloġiċi u storiċi, kif ukoll fuq diversi persuni nsara, fejn

*ikompli f'paġna 2*

jispiċċaw maqtulin bla ħniena, u dan ftit kilometri 'l bogħod minn xtutna. Il-Papa Franġisku wkoll tkellem dwar it-terroriżmu u dawn l-attroċitajiet ispirati mill-fundamentaliżmu Iżlamiku u qal li *"anke jekk dawn il-gruppi jaħsbu li qed jaqdu lil Alla bl-azzjonijiet tagħhom, fil-verità, huma ma jafuHx."*

Fuq livell differenti, imma sa' ċertu punt kumplimentari, f'pajjiżna wkoll nistgħu ninnutaw li kull sena, u b'mod sottili jibdew mis-sajf, qed ikollna min, b'mod arroganti u pastaż, jipprova jimbotta l-aġenda tal-ideat sekulari, li b'qilla jippruvaw juru l-valuri nsara bħala valuri skaduti. Fil-verità nħoss li f'pajjiżna għandna assedju għaddej: assedju li aktar milli hu fiżiku, hu wieħed fuq livell ta' mentalità u ta' stil ta' ħajja, fejn f'ġieħ id-demokrazija u l-libertà tal-espressjoni, kollox sar jgħaddi u xejn ma hu ħażin, fejn il-fidi nisranija hi biss għal min hu antikwat u ossessjonat; fejn l-ottimiżmu spiritwali qed jiġi kontinwament mhedded mill-għajta dejjem ikbar ta' dawk li jridu juru li l-ħażen huwa kbir ħafna u t-tajjeb m'għadux jeżisti jew sar insinifikanti. Dan kollu qed joħnoq b'mod prattiku t-twemmin fl-eżistenza t'Alla filwaqt li jeżalta l-qawwa tar-raġuni, tal-emozzjoni, tal-egoiżmu, u tal-minoranzi! Fuq ix-xefaq jidher li fil-media daqt ser jibda jieħu sew d-dibattitu dwar l-abort, bl-assoċjazzjoni Umanista tgħid li hu dritt fundamentali tal-mara li tiddeċiedi hi.

**L-Assedju fuq il-Valuri Nsara: Inċedu jew nitħabtu biex nirbħu?**
Quddiem dan kollu, kull Malti nisrani mgħandux la jaqta' qalbu, la jitkaxkar mal-kurrent, u lanqas jara kollox ikrah. Imma kif anke jinkuraġġina l-Papa, kull nisrani hu msejjaħ biex jagħti risposta ċara u b'saħħitha billi jgħix l-Evanġelizzazzjoni l-ġdida: li mhux biss wieħed jitkellem fuq il-Kelma ta' Alla iżda wkoll li juri li l-esperjenza ta' Alla fost il-poplu tiegħu għadha hawn u tinħass! Il-bniedem li jemmen irid ixandar kif Alla qiegħed miegħu u dan irid jintwera bix-xhieda konsistenti tal-ħajja tiegħu. Għaldaqstant quddiem l-assedju sħiħ tal-valuri nsara tagħna ma nistgħux nibqgħu b'nuqqas ta' konvinzjoni fil-preżenza t'Alla fostna u bl-immaturità spiritwali li bosta drabi qed jaħkmuna. Ma nistgħux nibqgħu nqabblu fejn jaqblilna u nilagħbu bil-valuri tagħna. Għandna bżonn nitħabtu biex nirbħu d-dubju, l-apatija u l-ħażen, u dan billi nsibu l-ħin u nkunu sinċiera ma' Alla u ma' xulxin. Ejjew niftakru u nemmnu li Alla qed jitlob minna impenn attwali li jwassalna biex dak li nemmnu ma nżommhux għalina, moħbi, iżda mingħajr ftaħir inwassluh b'sinċerità u b'umiltà lill-oħrajn. Nitolbu matul dan ix-xahar biex bħalma Ommna Marija kienet tant preżenti fl-istorja ta' pajjiżna, tkun ukoll l-għajnuna u l-kuraġġ li tant neħtieġu biex niddefendu l-valuri nsara f'dan iż-żmien ukoll, u nirbħu kull tfixkil li jneżża' lill-bniedem mid-dinjità li biha ġie maħluq: dik bħala xbieha ta' Alla.

***Dun David Farrugia***
***Kappillan Ħal Safi***





**IEQAF u AĦSEB**

# Żomm rasek merfugħa

Li żżomm sod f'dak li temmen minkejja t-tfixkil li ssib,
u l-pressjoni li jkollok tiffaċċja
… dan hu Kuraġġ.

Li żżomm tbissima fuq wiċċek meta minn ġewwa tkun donnok qed tmut,
bl-iskop li tissapportja lill-oħrajn
… din hi Saħħa.

Li ma tieqaf quddiem xejn u tagħmel dak li tgħidlek
qalbek li taf li hu tajjeb
… din hi Determinazzjoni.

Li tagħmel aktar milli wieħed jistenna minnek,
biex ittejjeb il-ħajja ta' ħaddieħor,
mingħajr ma tlissen l-ebda tgergira
… din hija Kompassjoni.

Li tgħin ħabib fil-bżonn, minkejja l-ħin u l-isforz,
skont il-kapaċitajiet tiegħek
… din hija Lealtá.

Li żżomm rasek merfugħa u tkun fl-aħjar tiegħek,
anke meta il-ħajja donna tiżżarma quddiemek
… dik hija Perseveranza.

Li tiffaċċja kull diffikultà
bil-kunfidenza li ż-żmien iġib jiem aħjar,
u li ma taqtax qalbek
… dik hija Tama.

Żomm rasek merfugħa ħalli ħajtek tkun aħjar kuljum!